30 ta' Mejju 2008

**STQARRIJA**

**L-FKNK F'LAQGĦA MAL-PRESIDENT TA' MALTA**

F'laqgħa li kellha delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ma' l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta nhar l-Erbgħa, setgħu jiġu espressi l-ilmenti ovji tal-FKNK li ma kienux ġodda għal widnejn Dr. Edward Fenech Adami.

Waqt il-laqgħa l-FKNK reġgħet sostniet fuq l-appell li kien sar lill-istess President permezz ta' Riżoluzzjoni minn eluf ta' ċittadini Maltin u Għawdxin, liema Riżoluzzjoni l-FKNK kienet waslet lill-President fil-bidu tax-xahar ta' Marzu 2008. Fl-appell kien intalab l-intervent personali ta' Dr. Fenech Adami peress li kien hu bħala Prim Ministru ta' Malta li kien responsabli għal ftehim biex Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea.  L-FKNK għaldaqstant kompliet li meta 'llum kien jidher ċar li dawn l-istess arrangamenti speċjali għal Malta kienu qegħdin jiġu njorati mill-istess Kummissjoni Ewropea, Dr. Fenech Adami seta' jkunu strumentali b'xi intervent adekwat u f'waqtu, biex tieqaf l-inġustizzja li qed issir u s-sofferenza li qed tiġi ikkaġunata lil eluf ta' familji Maltin u Għawdxin.

Il-President qabel li skond hu l-ftehim li sar bejn Malta u l-Unjoni Ewropea kien jinkludi dak li kien stqarr qabel ir-Referendum dwar il-Kaċċa u l-Insib.

Il-President kompla billi wiegħed li hu qiegħed jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu sabiex Malta tiddefendi bis-sħiħ il-kawża li l-Kummissjoni Ewropea qeda tagħmel lil Malta, sabiex l-FKNK tkun involuta bħala espert inmaterja, u sabiex jiġu użati kull mezz għad-dispożizzjoni ta' Malta.

Kunsill FKNK

2 Ritratti mehmuża